

*Ejjew nagħtu ġieħ lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

# Kwadru ta' Mattia Preti fil-Mużew tal-Arti fil-Belt



*Mario Fenech*

Nistgħu ngħidu li aħna bħala polpu fi gżira ċkejkna li bil kemm tidher fuq il-mappa tad-dinja għandna għaliex inkunu kburin għal fatt li għadd ta' artisti kbar ħallew il-firma tagħhom fuq ix-xogħlijiet kbar tal-arti li nltaqgħu magħhom kemm fil-knejjes, palazzi u mużewijiet iżda wkoll f'kollezzjonijiet privati.

Waħda minn dawn il-firem kbar ta' artist ċelebri hija dik ta' Mattia Preti li għex bejn is-sena 1613 u s-sena 1699. Magħruf sew għal metodu li kien juża biex jispjega s-suġġetti fuq it-tila wara tant snin mill-mewt tiegħu għadu meqjus minn ħafna bħala wieħed mill-artist l-kbar li qatt rat id-dinja.

Il-kwadru taċ-Ċaħda ta' San Pietru li jinsab fil-Mużew tal-arti fil-Belt Valletta b'xorti tajba kien għadda lill-poplu Malti minn għand il-familja tas-Sinjuri Borg fis-sena 1974.

Id-daqs ta' dan il-kwadru huwa ftit aktar minn metru b'metru u nofs. Il-kuluri ċari li ntużaw mill-artist jikkonċentraw fuq il-figura tal-mara li qiegħdha fuq tal-lemin tal-kwadru. Din qed turi b'subajha lil San Pietru wara li din għarfitu bħala wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù.

San Pietru fin-nofs tat-tila iħares lejha jiċħad dak li kienet qiegħdha tgħidlu. Kurjuż il-fatt li l-artist hawnhekk lil Pietru waqt iċ-ċaħda tiegħu qiegħed jurijulna bil-muftieħ f'idu. Allura diġa' bħala l-kap tal-Knisja. Xi ħaġa li hija komuni fil-kwadri ta' Mattia Preti hija l-figura tas-suldat wara San Pietru qiegħed jisma' dak li qiegħed jintqal filwaqt li jdejh qiegħdha fuq spallejn San Pietru.

Fil-parti tax-xellug tal-kwadru figuri movimentati ta' Ġesù flimkien ma xi rġiel qiegħed jiġi meħud lejn il-palazz ta' Pilatu. Biex jifred dawn il-figuri mill-kumplament tax-xena l-artist b'ħila kbira għamel użu minn kuluri xi ftit skuri filwaqt li xeħet bħal dawl fuq ix-xbieha ta' Ġesù. Id-dettal ta' dan ix-xogħol narawh fil-panneġġi tal-libsa tal-mara, bil-qoffa li għandha f'idejha u fl-espressjoni ta' skantament u biża' fuq wiċċ San Pietru.



Forsi dan il-qaddis ħafna jibqgħu isemmuh għal dan l-episodju sfortunat fil-ħajja tiegħu, iżda tajjeb li niftakruh ukoll għall-kobor tiegħu fit-tmexxija tal-Knisja fl-ewwel snin ferm iebsa wara t-twaqqif tagħha fuq din l-art mill-Feddej tal-Ġnus.

Il-Festa t-Tajba lil Kullħadd.